# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **17 TA' DIĊEMBRU 2017**

## Novena tal-Bambin

Inkomplu l-mixja tagħna tan-novena tal-Bambin wara l-quddiesa tas-7:00am li din is-sena qed nirriflettu fuq personaġġi differenti li ħejjew it-triq għat-twelied ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-quddiesa tas-6:00pm matul in-novena tkun animata mill-Kummissjonijiet, Għaqdiet u Gruppi differenti tal-Parroċċa tagħna.

Is-Sibt 16 ta' Diċembru 2017, it-2 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:30pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja.

Il-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017, it-3 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna u mill-Gruppi tal-Armar u n-Nar.

It-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017, ir-4 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Liturġija.

It-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017, il-5 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Djakonija.

L-Erbgħa 20 ta' Diċembru 2017, is-6 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Fratelli tal-Parroċċa tagħna.

Il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017, is-7 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Katekisti u t-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar.

Il-Ġimgħa 22 ta' Diċembru 2017, it-8 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ tal-Parroċċa.

Is-Sibt 23 ta' Diċembru 2017, id-9 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:30pm quddiesa animata mill-Grupp Kariżmatiku.

## Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal

Għada l-Ħadd 17 ta' Diċembru 2017 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Ċelebrazzjoni tal-Avvent**
It-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 bejn is-7:00pm u t-8:30pm ser issir lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb permezz tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent fi żmien ta' stennija għall-festa tal-Milied. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**
Il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li nagħtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin**
Il-Membri tal-Museum iħeġġukom sabiex tippartecipaw, fid-Dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin li se ssir il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017. Il-purċissjoni se tibda fis-5:30pm minn Triq il-Qastan, f'Bellavista. Fis-7:00pm, il-purċissjoni tidħol fil-Knisja Parrokkjali Sant'Anna fejn jittella' programm ta' kant u poeżiji. Wara l-purċissjoni jittellgħu diversi premjijiet u titqassam qagħqa tal-għasel lil dawk kollha li jattendu.

**Lejliet il-Milied**
Il-Ħadd 24 ta' Diċembru 2017, Lejliet il-Milied, il-Quddies ikun bħas-soltu fis-6:00pm. Fis-7:00pm tidħol il-purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali u jkollna programm imtella' mill-membri tal-Museum, imbagħad il-quddiesa tat-8:00pm. Il-Knisja terġa' tiftaħ fl-10:00pm u fil-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied bil-priedka tat-tfal u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied. It-tfal mistiedna sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu għax dan huwa l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Milied aħna l-Insara meta nattendu għall-velja u l-quddiesa ta' 12:00am.

**Għeluq is-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa ta' Sant'Anna fil-Parroċċa ta' Wied il-Għajn**
Il-Ħadd 31 ta' Diembru 2017 fis-6:00pm issir il-quddies tas-soltu tal-Ħadd, imbagħad fit-8.00pm quddiesa ta' radd il-ħajr 'l Alla għal din is-sena li għaddiet kif ukoll l-għeluq tas-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa Titulari ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Wara nkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-*New Year's Eve Party* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**
Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Id-Dar tal-Providenza**

Infakkru fil-ġabra għad-Dar tal-Providenza li ssir fl-1 ta' Jannar 2018. Tkun ħaġa sabiħa li hekk kif inkunu miġburin flimkien bħala familja f'daż-żmien tal-Milied ngħinu lid-Dar tal-Providenza. Tistgħu titfgħu id-donazzjonijiet tagħkom f'buqar li ser ikun fuq l-artal matul din il-ġimgħa. Grazzi ħafna.